MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2012

Rikors Kongunt Numru. 63/2012

**A B**
**vs**
**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu fil-21 ta' Settembru, 2002 u sseparaw b'kuntratt tat-22 ta' Gunju, 2005 (in atti Not. Ivan Barbara);
2) Illi l-partijiet ma kellhomx tfal;
3) illi hadd mill-partijiet m'hu obbligat jaghti manteniment lil hadd;
4) illi l-partijiet ilhom separati ghal iktar minn hames snin;
5) illi m'hemmx cans li l-partijiet jergghu jirrikonciljaw

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

Tordna l-hall taz-zwieg ossija divorzju bejn il-partijiet.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

Illi hu ma jopponix ghat-talba ta' A B sabiex jigi dikjarat mahlul iz-zwieg celebrat bejn il-partijiet fil-21 ta' Settembru 2002, u li jigi pronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-5 ta' Marzu, 2012;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul; u peress illi ippruvat illi l-partijiet isseparaw b'kuntratt tat-22 ta' Gunju 2005;

Illi hija ippruvat ukoll illi l-partijiet ma kellhomx tfal u illi hadd mill-partijiet ma hu obbligat jaghti manteniment lil hadd;

Illi gie ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talba, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------